# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru 6**

**Rikors Numru 256/13AL**

**Vincent Borg**

**v.**

**Teresa Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq ir-rikorrent fid-29 ta' Novembru 2013 li jaqra hekk:

> "1. Il-kontendenti nfirdu personalment permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Mejju 2009 in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg [Dok A];
>
> "2. Fi klawsola numru tlieta (3) tal-att surriferit, il-kontendenti ftehmu illi l-attur ghandu jivversa lill-konvenuta s-somma ta' hamsa u sittin Ewro (€65) kull hmistax (15) -il jum; tali obbligu gie kwalifikat fi

klawsola numru erbgha (4) tal-att fejn gie pattwit illi "[*…..] f'kaz li l-mara tkun tirrisjedi ma persuna ohra, il-manteniment taghha ma jkunx aktar dovut.";*

"3. Kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-vertenza, il-konvenuta qeghda tirrisjedi ma persuna ohra, ma liema persuna hija ghandha wkoll relazzjoni intima u ghalhekk ikkomettiet adulterju. Minkejja dan, hija qeghda tirrifjuta illi ma tibqax tezigi l-manteniment pattwit. Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;

"4. Ai termini ta' digriet datat tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (digriet numru 2376/13 in atti tal-ittra numru 1117/13 GG), l-istanti gie debitament awtorizzat minn din il-Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza [Dok. B];

"5. L-istanti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha;

"Tghid ghalhekk il-konvenuta intimata ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. tiddikjara, ai termini ta' klawsola erbgha (4) tal-kuntratt ta' firda personali tal-kontendenti, datat 6 ta' Mejju 2009 in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg illi l-manteniment pagabbli lill-konvenuta proprio ma ghadux aktar dovut;

"2. tordna lill-istess konvenuta tirrifondi lill-attur kull somma ndebitament percepita minnha f'manteniment, relattivament ghall-perijodu illi hija kienet qeghda tghix ma persuna ohra;

"3. fuq l-istregwa tal-gurisprudenza ricenti in materia, tiddikjara inoltre illi wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' firda personali tal-kontendenti, datat 6 ta' Mejju 2009 in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg il-konvenuta kkommettiet adulterju;

"4. tippronunzja konsegwentement, fit-termini tal-Art. 38 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, s-separazzjoni personali, ossia l-firda, bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta;

"5. tiddikjara ghalhekk illi l-konvenuta ddekadiet permanentement mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha b'effett minn tali data jew b'effett minn kwalsiasi data ohra stabbilita minn din il-Qorti;

"6. tapplika konsegwentement fil-konfront tal-konvenuta d-dispost tal-Art. 48 (1) (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi tiddikjara illi l-konvenuta tilfet il-jedd li iggieghel lill-attur, f'kull kaz, li jaghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

> “7. tordna lill-istess konvenuta tirrifondi lill-attur kull somma, ndebitament percepita minnha f’manteniment wara illi ddekadiet mid-dritt li tircievi l-istess manteniment kif fuq intqal;
>
> “Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tinsab minn issa ngunta in subizzjoni;”

Rat li ghalkemm il-konvenuta kienet debitament notifikata fit-18 ta’ Dicembru, 2013, hija pprezentat risposta guramentata flimkien ma’ kontro-talba fis-17 ta’ Jannar, 2014, li allura saret tardivament, minghajr ma sar ir-rikors appozitu sabiex jittanta jiggustifika tali kontumacja taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Frar, 2014 li permezz tieghu d-difensuri tal-attur talbu l-isfilz tal-imsemmija risposta u kontro-talba.

Rat il-provvediment tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tas-26 ta’ Gunju, 2014 li permezz tieghu iddecidiet li:

> “Ghal dawn ir-ragunjiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi tordna l-isfilz tar-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawza.”

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-10 ta’ Marzu, 2015, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi:

> “[1] Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li *ai termini* tal-klawsola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta’ firda personali tal-partijiet il-manteniment pagabbli lill-intimata m’ghadux aktar dovut;
>
> “[2] Tilqa’ t-tieni talba u tordna lill-intimata tirrifondi lill-attur kull somma vversata lilha mill-attur fil-perjodu ta’ bejn it-3 ta’ Lulju 2013 sad-data tas-sentenza prezenti;

> "[3] Tilqa' it-tielet talba;
>
> "[4] Tichad ir-raba' talba;
>
> "[5] Tilqa' l-hames talba b'dan li jigi dikjarat li l-istess intimata ddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment fit-3 ta' Lulju 2013;
>
> "[6] Tichad is-sitt talba;
>
> "[7] Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-intimata thallas lill-attur is-somma ta' elfejn Ewro, tmien mija u tmenin ewro (€2880) rapprezentanti l-ammont imhallas minnu fil-perjodu ta' bejn it-3 ta' Lulju 2013 'il quddiem bhala manteniment li ma kienx dovut.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-intimata."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta Teresa Borg li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet illi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza msemmija u li tibghat l-atti lura ghas-smigh fil-mertu wara li l-appellata taghmel l-eccezzjonijiet taghha.

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottmetta li din il-Qorti ghandha tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha l-imsemmija sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru, 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara t-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti mill-avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qieghed jitlob illi (1) jigi dikjarat li l-manteniment pagabbli lill-konvenuta proprjo m'ghadux aktar dovut u dan ai termini tal-klawsola 4 tal-kuntratt ta' firda personali tal-kontendenti datat 6 ta' Mejju, 2009, in atti tan-Nutar Vanessa Buttigieg (esebit a fol. 4 et seq. tal-process); (2) li l-konvenuta tigi ordnata tirrifondi lill-attur kull somma indebitament percepita minnha f'manteniment ghall-perjodu illi hija kienet qeghda tghix ma' persuna ohra; (3) tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet adulterju wara l-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti; (4) tippronunzja konsegwentement is-separazzjoni personali ossia l-firda bejn il-kontendenti, minhabba adulterju kommess mill-konvenuta, fit-termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (5) tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet permanentement mid-dritt li tircievi l-manteniment minghand zewgha b'effett minn tali data li ghandha tigi stabbilita mill-Qorti; (6) tiddikjara li l-konvenuta tilfet il-jedd li ggieghel lill-attur li jaghtiha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg billi tapplika d-dispost tal-Artikolu 48 (1) (d) tal-Kodici Civili u (7) tordna li l-istess konvenuta tirrifondi kull somma indebitament percepita minnha f'manteniment wara li ddekadiet mid-dritt li tircievi l-istess manteniment.

L-ewwel Qorti laqghet (1) l-ewwel talba attrici u iddikjarat li ai termini tal-klawzola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' firda personali tal-partijiet illi l-manteniment pagabbli lill-intimata m'ghadux aktar dovut; (2) it-tieni talba u ordnat lill-konvenuta tirrifondi lill-attur kull somma versata lilha fil-perjodu ta' bejn it-3 ta' Lulju, 2013 sad-data tas-sentenza; (3) it-tielet talba in kwantu iddikjarat li l-konvenuta ikkommettiet adulterju wara l-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti; (5) il-hames talba li l-konvenuta iddekadiet permanentement mid-dritt li tircievi l-manteniment minghand zewgha b'effett mit-3 ta' Lulju, 2013; (7) ordnat li l-istess konvenuta tirrifondi s-somma ta' elfejn tmien mija u tmenin ewro (€ 2880) rapprezentanti ammont indebitament percepita minnha f'manteniment wara li ddekadiet mid-dritt li tircievi l-istess manteniment mit-3 ta' Lulju, 2013 sad-data tas-sentenza; filwaqt li cahdet (4) ir-raba' talba li tippronunzja li s-separazzjoni personali ossia l-firda bejn il-kontendenti sehhet minhabba adulterju kommess mill-konvenuta, fit-termini tal-Artiklu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (6) s-sitt talba li tiddikjara li l-konvenuta tilfet il-jedd li ggieghel lill-attur li jaghtiha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg billi tapplika d-dispost tal-Artikolu 48 (1) (d) tal-Kodici Civili.

Qabel xejn, tajjeb jinghad illi l-materja ta' adulterju hija regolata bl-Artikolu 38 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> "*Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.*"

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti peress li l-partijiet kienu diga` separati, permezz ta' kuntratt pubbliku, mhux il-kaz li l-Qorti tidhol fil-kwistjoni sabiex taddebita t-tort ghall-istess separazzjoni. Madanakollu rilevanti hija l-gurispridenza in materja fir-rigward tal-grad ta' prova li trid issir f'kazijiet bhal dawn.

Fis-Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Ottubru 2002, fl-ismijiet: **Rose Gauci v. Salvatore sive Salvu Gauci**, inghad:

> "*Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas- 16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.*"

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 1964, fl-ismijiet **Rosina Micallef v. Angelo Micallef,** gie osservat:

> "*Li f'materja ta' provi tal-adulterju, id-dimostrazzjoni tieghu tista' tkun fornita bil-mezzi kollha legali li jkunu idonei biex jista' jigi determinat il-konvinciment tal-Imhallef 'poiche´ nessuna limitazione e´ posta dalla legge (Azzolina....)Non e´ necessaria la sorpresa in flagrante e tanto meno la testimonianza 'de visu', evidentemente difficile e raggiungersi per questo genere di fatti"... U ghalhekk stante d-diffikulta tal-prova huwa ormai pacifiku anki fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi pruvat*

> *permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika*."

Similment fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Frar, 1961 fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards v. Avukat Dr Joseph H. Xuereb noe.**, jinghad:

> "*Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu" jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkustanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt.*"

Il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-10 ta' Marzu 2015 u ressqet tliet aggravji li ser jigu trattati minnufih.

L-ewwel u t-tieni aggravji ser jigu trattati f'daqqa peress li huma marbutin ma' xulxin. L-appellanta permezz tar-rikors ta' appell taghha tilmenta illi malli rceviet ir-rikors guramentat hija pprocediet biex tapplika ghall-ghajnuna legali minhabba l-pozizzjoni finanzjarja taghha u sakemm inghatat Avukat tal-Ghajnuna Legali u saret ir-risposta taghha, lahaq skada z-zmien ta' ghoxrin gurnata stipulata bil-ligi u ghalhekk tghid li ma kellhiex zmien bizzejjed sabiex tkompli l-process f'waqtu u dan minhabba s-sistema relattiva ghal min japplika ghal beneficcju legali. Inoltre ssostni wkoll li ghalkemm hija pprovat tiggustifika l-kontumacja taghha b'mod ragjonevoli, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tordna l-isfilz tar-risposta u kontro-talba, liema decizjoni hija deskritta mill-appellanti bhala wahda zbaljata. Konsegwenza ta' hekk hija ma setghetx tipprezenta provi sabiex tirribatti l-evidenza prodotta mill-

appellat. Hawnhekk din il-Qorti tifhem li l-appellanti qeghda tipprova tattakka d-digriet tal-ewwel Qorti moghti fis-26 ta’ Gunju, 2014.

Minghajr ma tidhol fir-ragunjiet migjuba mill-appellanti sabiex tipprova tiggustifika tali kontumacja, jigi osservat minn din il-Qorti, illi permezz ta’ decizjoni preliminari tas-26 ta’ Gunju, 2014, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), filwaqt li ghamlitha cara li quddiemha ma kellha ebda talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, laqghet it-talba tal-isfilz stante li kellha jdejha marbutin bit-terminu stabbilit mil-ligi ai termini tal-Artikolu 158 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kif osservat mill-appellat fir-risposta tieghu, l-istess Qorti fid-decizjoni taghha tghid: “***u dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal xi talba ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja li kif diga` inghad mhux il-mertu tat-talba odjerna***” (enfasi mizjuda). Inoltre fil-verbal tal-istess seduta, wara li nghata l-provvediment, jinghad li “*l-kawza baqghet differita sabiex il-konvenuta tirregola ruhha ahjar”.* Izda minkejja dak ravvizat fl-istess decizjoni preliminari tal-ewwel Qorti, kif ukoll dak il-verbal ma jirrizultax li l-konvenuta ipprovat b’xi mod li taghmel xi tentattiv biex tressaq rikors ta’ gustifikazzjoni tal-istat ta’ kontumacja li waqghet fih, u ghalhekk ta’ lanqas tirrimedja billi tipprevalixxi ruhha minn wiehed mir-rimedji disponibbli fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghal dan in-nuqqas il-konvenuta baqghet passiva ghall-ahhar u ma tistax issa tigi quddiem din il-Qorti u tippretendi li ssib soljev ghan-nuqqasijiet taghha.

Min-naha l-ohra huwa risaput illi l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda oppozizzjoni ghat-talbiet attrici, l-istess attur xorta jrid jipprova dak li qed jallega, u f'dan il-kaz ifisser, illi l-Qorti xorta tkun obbligata tezamina l-provi migjuba biex tevalwa jezistux c-cirkostanzi sabiex tigi pprovata l-allegazzjoni tal-adulterju da parti tal-konvenuta. Kif osservat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-decizjoni taghha tat-22 ta' Novembru, 2002, fl-ismijiet **Fenici Insurance Agency Ltd nioe. v. Paul Stoner et**:

> "*Del resto, kif bosta drabi rimarkat, il-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni tal-istess. Gie rilevat fid-decizjoni a* ***Vol XXIX pIII p35*** *illi "ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

Ghandu jinghad illi in sostenn tal-allegazzjoni tieghu l-appellat inkariga investigatur privat li pprepara r-rapport investigattiv esebit da parti tar-rikorrenti a fol. 4 sa 59 tal-process. Dan ir-rapport isemmi li saret sorveljanza fuq l-blokka ta' appartamenti li jisimhom "St. Mary" fi Triq F. S. Caruana, Nr. 11, B'Kara. L-investigatur jghid li fil-blokk jinsabu zewg appartamenti, wiehed fil-pjan u l-iehor fuqu. Fl-appartament ta' isfel irrizultalu li joqghodu zewg anzjani, u f'ta' fuqhom, il-konvenuta Teresa Borg. Madanakollu tirrizulta inkongruwenza meta minn diversi atti fil-process jinghad li l-konvenuta toqghod fl-appartament numru 4 fl-imsemmija blokka ta' flats (kif jirrizulta per ezempju mill-kuntratt pubbliku

a fol. 6 tal-process) u allura jidher li jista' jkun hemm aktar minn zewg appartamenti fl-imsemmija blokka.

Inoltre mis-sorveljanza li saret fuq medda ta' hamest ijiem, irrizulta li ragel li jinghad li jgib l-isem ta' Antoine Ciangura johrog kwazi kull filghodu mill-bieb li jaghti ghall-imsemmija blokka ta' appartamenti ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu, filwaqt li l-konvenuta tohrog mill-bieb ta' barra regolarment ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu wahedha. L-investigatur osserva li l-karozza tal-istess Ciangura kienet tkun ilha lejl ipparkjata barra peress li l-magna kienet tkun kiesha u l-karozza mimlija nida. Hekk kienet xorta tkun il-konsegwenza kieku l-imsemmija persuna raqdet f'appartament differenti minn dak li fiha kienet torqod il-konvenuta. Sa hawn, allura, ma tirrizultax il-prova konkludenti ta' abitazzjoni fl-istess appartament. Isegwi, illi kieku l-Qorti kellha toqghod fuq ir-rapport ta' dan l-investigatur BISS, kien jibqalha dubju dwar kemm saret il-prova ta' adulterju.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-parti li tallega ghandha l-obbligu u l-oneru tal-prova, u l-prova trid tkun tali li tikkonvinci lill-Qorti moralment li l-allegazzjoni hekk vantata tirrizulta mill-atti tal-kawza. Il-Qorti tosserva, pero`, li mill-affidavit tar-rikorrent jirrizulta illi huwa stess ra l-imsemmija persuna bl-isem ta' Antoine Ciangura kemm fil-gallarija tal-appartament tal-konvenuta, kif ukoll l-istess persuna mal-konvenuta fuq il-bejt. L-

istess rikorrent ra wkoll l-konvenuta hierga mill-appartament fil-kumpanija tal-istess ragel f'zewg okkazjonijiet separati. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta.

Imbaghad fl-ewwel aggravju tal-appellanti jinghad ukoll li l-ewwel Qorti semghet biss kif persuna bl-isem ta' Antoine Ciangura kien qieghed joqghod fid-dar tal-appellanta "*minghajr ma semghet ghaliex tali persuna kien qieghed diehel u hiereg mir-residenza taghha*" (sottlinear mizjud). Jigifieri hija l-istess appellanta li tikkoncedi fir-rikors ta' appell taghha li taf b'din il-persuna u li l-istess Ciangura kien effettivament diehel u hiereg mir-residenza taghha. Allura f'dan il-kuntest, meta din il-Qorti tqis li l-istess Ciangura kien osservat hiereg ghal diversi drabi mill-istess blokka kmieni filghodu u dan wara li qieset l-evidenza li l-karozza kienet ipparkjata barra l-imsemmija residenza tul il-lejl, din il-prova tassumi l-importanza taghha fil-kuntest ta' dak appena rilevat. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonvinci ruhha illi huwa minnu li l-appellanta ghandha relazzjoni mal-istess Ciangura.

Fit-tieni aggravju l-appellanta tirrileva li stante li l-istess investigatur kien thallas mill-appellat, dan kellu interess li jinterpreta l-avvenimenti a favur tal-appellat li ha vantagg mill-istat tal-kontumacja taghha meta naqas li jtella' bhala xhieda l-istess appellanta jew lill-istess Antoine Ciangura. Izda kif intqal qabel, m'hemm hadd ghajr l-istess appellanta li tahti ghal

dan l-istat ta' kontumacja li ppersista proprju minhabba nuqqas evidenti taghha li tressaq talba appozita sabiex tipprova tiggustifika l-istess kontumacja. Konsegwentement isegwi illi l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha u ghalhekk in vista ta' dak kollu rilevat qabel, din il-Qorti mhix f'pozizzjoni li tilqa' dawn l-ewwel zewg aggravji.

Illi permezz tat-tielet aggravju taghha l-appellanti tirrileva illi, bir-rifuzjoni tal-manteniment percepit minnha hekk kif ordnat mill-ewwel Qorti, ser twassal ghal diffikultajiet rejali ghall-ghejxien taghha u dan sabiex tlahhaq ma' necessitajiet bazici u indispensabbli ghall-ghejxien taghha u tat-tifla minuri tal-kontendenti.

Illi jigi ossservat li l-ewwel Qorti wara li rat l-klawzola numru 4 tal-kuntratt ta' firda personali u rriteniet li ma kienx hemm dubju li l-konvenuta ghandha lil haddiehor f'hajjitha, gustament ghaddiet sabiex tiddeciedi li ghalhekk l-konvenuta tilfet id-dritt ta' manteniment minghand zewgha proprju a bazi tal-fatt riskontrat li kienet qeghda effettivament tghix ma' ragel iehor. Illi s'hawnhekk din il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament fis-sens li ladarba l-imsemmi kuntratt fl-imsemmija klawzola numru 4 jistipula li "*B'dana pero` f'kaz li l-mara tkun tirrisjedi ma' persuna ohra, il-manteniment taghha ma jkunx aktar dovut.*" a bazi tal-principju tal-*pacta sunt servanda,* flimkien mal-konvinciment ta' din il-Qorti wkoll li l-konvenuta qeghda effettivament tirrisjedi ma' persuna

ohra, isegwi li l-ewwel Qorti gustament waslet ghall-konkluzjoni li l-konsegwenza kellha tkun li l-konvenuta tiddekadi mid-dritt tal-manteniment.

Madanakollu l-ewwel Qorti mbaghad tghaddi sabiex a bazi tar-rapport tal-investigatur tistabilixxi d-data tat-3 ta' Lulju, 2013, u tadotta din l-istess data sabiex tikkalkula r-rifuzjoni li kellha ssir mill-konvenuta li allura rriteniet li ddekadiet mid-dritt tal-manteniment u konsegwentement iddeterminat li kellha ssir rifuzjoni tas-somma ta' elfejn tmien mija u tmenin ewro (€2880) rapprezentanti ammont indebitament percepit mill-konvenuta f'manteniment wara li ddekadiet mid-dritt li tircievi l-istess manteniment mit-3 ta' Lulju, 2013 sad-data tas-sentenza. F'dan il-kuntest din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament adottat mill-ewwel Qorti u dan peress illi fil-Kodici Civili fl-Artikolu 22 (1) huwa provdut illi:

> "**22.** *(1) Min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obbligat għall-manteniment."*

Illi kif osservat tajjeb din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Josette Vella v. Sebastian Vella** moghtija fl-10 ta' Ottubru, 2003:

> *"15. Il-Qorti ma thoss l-ebda htiega li taghmel dan ghar-raguni li hija regola generali tad-dritt civili li l-alimenti jinghataw biex ikunu effettivament ikkonsmati mill-kreditur taghhom ghall-ghajxien u s-sopravivenza attwali u tal-istess kreditur u ghalhekk ma jistghux jintalbu lura. Dan il-principju japplika wkoll fil-kaz tal-alimenti derivanti miz-zwieg. Hawnhekk il-pensjoni alimentari ma tkoprix biss il-bzonnijiet strettament necessarji tal-kreditur izda hija proporzjonata ghall-mezzi tal-kreditur.*

> "*16. Anke fl-ipotezi li l-appellant ma kienx obbligat jissoministra manteniment wara d-data tas-sentenza li annullat iz-zwieg, l-appellant, xorta wahda ma ghandux dritt li jitlob ir-rifuzjoni tal-alimenti li hallas pendente lite wara li z-zwieg gie dikjarat null. Dana minhabba r-regola generali imsemmija fil-paragrafu precedenti, liema regola tinsab infatti inkorporata fl-ewwel subinciz tal-Artikolu 22 tal-Kodici Civili (Kap. 16).*"

Ghalhekk hemm raguni valida l-ghala ghandu jintlaqa' dan l-aggravju mressaq mill-appellanti, fis-sens li d-data ta' dekadenza tibqa' dik li hi, pero`, skont il-ligi, ir-ragel ma jistax jitlob rifuzjoni ta' dak gia` mhallas bhala manteniment, avolja r-raguni ghala kien sar il-hlas, gie dikjarat li kien spicca.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuta billi tilqa' l-istess in parte u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi filwaqt li <u>tikkonfermaha</u> inkwantu laqghet l-ewwel, it-tielet u l-hames talbiet attrici u iddikjarat li ai termini tal-klawzola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' firda personali tal-partijiet, il-manteniment m'ghadux aktar dovut, u li iddikjarat li l-konvenuta ikkommettiet adulterju wara l-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti, u li, ghalhekk, iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment, u fejn cahdet is-sitt talba; filwaqt li <u>tirrevokaha</u> fejn laqghet it-tieni u s-seba' talbiet attrici meta ordnat lill-konvenuta tirrifondi lill-attur kull somma versata lilha fil-perjodu ta' bejn it-3 ta' Lulju, 2013 sad-data tas-sentenza; kif ukoll fejn ordnat li l-istess konvenuta tirrifondi s-somma ta' elfejn tmien mija u tmenin ewro (€2880) rapprezentanti ammont indebitament percepita minnha

f'manteniment wara li iddekadiet mid-dritt li tircievi l-istess manteniment mit-3 ta' Lulju, 2013 sad-data tas-sentenza u minflok tichad dawn it-talbiet.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu nofs bin-nofs kull wiehed mill-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df